**Minuti tad-Disgħa u Għoxrin Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2009 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

**-----------------------------------------------------------------------------------------------------**
**-**

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħat numru 28 tas-Sitt Kunsill Lokali ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċċjali.

3. **Tabella.** Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera twaħlet tabella fil-bajja ta' Daħlet Qorrot li fiha hemm informazzjoni dwar il-periklu tax-xemx u li tindika li "camping" mhux permess fil-bajja. Dan wara l-Kunsill irċieva ħafna lmenti dwar il-kampijiet li qed ikun hemm fix-xtajta ta' dan il-bajja.

4. **Railing.** Twaħħal ir-railing ta' l-injam fil-passaġġ bejn Triq it-Torri ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima.

5. **Sewqan.** Il-Kunsill qed jirċievi ħafna lmenti dwar l-ammont ta' sewqan aċċessiv madwar ir-raħal. Minħabba hekk il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex iwaħħal speed humps f'diversi toroq. Il-Kunsill iddiskuta li jpoġġi tabelli li jindikaw "is-speed limit". Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li tabelli bħal dawn kienu diġa twaħħlu fl-entraturi tar-raħal iżda tneħħew.

6. **Suq fil-Miftuh.** Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li postijiet ġodda tas-Suq fil-Miftuh ma jistgħux isiru fejn ġew indikati fil-laqgħa preċedenti għaliex m'hemmx bizzejjed wisa'. Hi ssuġġeriet li dawn il-postijiet isiru fi Triq Cicciano. Is-Sindku għandha tmur fuq il-post biex tara.

7. **Korrispondenza.**

(2274) Email mingħand id-Direttur, Natalino Attard dwar fis-6 ta' Awissu
(2275) Ittra mingħand l-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar attivita f' San Blas
(2276) Email mingħand l-Onor Chris Said dwar kampanja ta' tindif
(2277) Ittra mingħand l-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar stand fil-Wine Festival

(2278) Ittra mingħand l-ADT dwar sinjal isfar fi Triq Cimcem
(2279) Ittra mingħand l-Enemalta dwar bozza [dida fi Triq Inżul tal-Franċiżi
(2280) Ittra mingħand School Social Work Service dwar korsijiet offruti mill-Kunsill
(2281) Ittra mingħand is-Superjur u Superjura tal-MUSEUM Subien u bniet għall-għajnuna finanzjarja
(2282) Memo 43/2009 – Mistoqsija Parlamentari Nru. 10069
(2283) Memo 44/2009 – Mistoqsija Parlamentari Nru. 10070
(2284) Memo 45/2009 – Pubblikazzjoni ta' Avviż Legali
(2285) Ittra mill-ADT dwar sinjal isfar fi Triq it-Tramuntana
(2286) Ittra min-Nadur Youngsters dwar stand fil-Wine Festival
(2287) Email mingħand Bill Hermitage dwar il-Wine Festival
(2288) Ittra mingħand L-Għaqda Armar tan-Nar 29 ta' Gunju dwar il-Wine Festival
(2289) Ittra mingħand il-Kummissjoni Arbli Mnarja dwar il-Wine Festival
(2290) Ittra mingħand Għaqda tan-Nar Lejliet il-Festa 2010 dwar il-Wine Festival

8. **Skema Energy Saving.** Il-Kunsill ġie mitlub jiffirma id-dikjarjazzjoni li ser jieħu sehem fis-skema ta' Energy Saving li kien applika għalih. Il-Kunsill talab is-somma ta' €7500 għal dan il-proġett iżda ġie allokat biss l-ammont ta' €2,300. Dan ifisser li l-Kunsill irid joħroġ l-ammont ta' €5200 sabiex isir dan il-proġett. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li dan il-proġett mhux maħsub fil-budget. Il-Kunsilliera iżda qablu li jaċċettaw l-ammont ta' €2300 jinbeda.

9. **Skema Xogħol fil-Komunita'**. Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-ETC dwar ħaddiema li ser jiġu assenjati mal-kunsill. Il-Kunsill ser ikollu tlett persuni, tnejn huma "cleaners" u wieħed huwa "gardener". Għadhom ma tawniex dati ta' meta ser jibdew. Gie diskuss il-possibilta' li dawn il-ħaddiema jieħdu ħsieb il-ġonna tan-Nadur peress li l-kuntratti huma magħluqin. Din id-deċiżjoni ser titiehed aktar 'il quddiem meta jibdew mal-Kunsill dawn il-ħaddiema.

10. **Attivita f' San Blas**. L-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 talbu li bħas-snin ta' qabel il-Kunsill jikkollobora magħhom sabiex issir attivita' f'San Blas. Din l-attivita' issir nhar il-Gimgħa 21 ta' Awissu ħdejn il-ġnien. Il-Kunsill qabel li jipprovdi s-sound u dawl kif ukoll il-palk.

11. **Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf**. Il-Kunsill ġie nformat permess ta' email li ser jingħata Premju fuq l-indafa fil-lokal. Barra t-tindif tat-toroq, ibbażat, ġonna, latrini, eċċ irrid ikun hemm ukoll kampanja ta' edukazzjoni. Il-Kunsilliera qablu li ssir attivita għall-anzjani biex dawn il-persuni jkunu aktar informati dwar ir-riċiklaġġ. Il-Kunsill għandu jitlob lil WasteServ sabiex għal din l-attivita jagħti xi tifkirijiet bħal basket tad-drapp u ssir ħarġa

12. **President.** Il-Kunsill għandu jitlob sabiex issir laqgħa mal-President ta' Malta f'Novembru fil-Palazz ta' San Anton fl-okazzjoni ta' Jum il-Kunsill. Din il-ħarġa ser tkun għall-anzjani tan-Nadur.

13. **Triq ta' Said.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq ta' Said biex ma jgħaddux trakkijiet minn din it-triq (il-parti mill-kantuniera ta' Triq it-Tramuntana sa Triq San Gwann). Il-Kunsilliera ddiskutaw din it-talba u ser jitolbu parir mill-ADT. F'din il-parti tat-triq hemm printer u ma jridux jtellfuh.

14. **Triq l-Inzul tal-Franċiżi.** Il-Kunsill ġie mitlub iħallas l-ispejjes ta' €2308+ VAT sabiex l-Enemalta iwaslu l-wires tad-dawl tat-triq sa dan il-post. Barra dawn l-ispejjes il-Kunsill irrid iħallas ukoll l-ispejjes tal-bozza u kuntrattur tagħna. Il-Kunsill talab lill-Ministeru għal Għawdex biex iħallas l-ispejjes ta' l-Enemalta iżda ma ħax risposta. Ġie ssuġġerut li minflok bozza normali nagħmlu bozza ma dan il-post li tkun bis-sistema tas-solar. Is-Segretarju għandha tkellem lill-Inginier Renzo Curmi dwar dan.

15. **MUSEUM Subien u Bniet.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Superjuri tal-MUSEUM Subien u Bniet għall-għajnuna finanzjarja b'konnessjoni mal-ispejjes tal-vanijiet. Il-Kunsilliera qablu li nagħtu donazzjoni bħal ma għamilna fil-passat lil kull sezzjoni ta'€349.

16. **Tal-Hali.** Il-Kunsill waħħal tlett bankijiet fi tnejn Triq Bingemma wieħed fi Triq Dun Gwann Camilleri. Persuna li għandha għalqa wara l-ħajt ta' fejn twaħħlu l-bankijiet ilmenta bil-qawwi dwar it-twaħħil ta' dawn il-bankijiet. Kien hemm talbiet oħra biex jitwaħħlu aktar bankijiet. Il-Kunsilliera qablu li l-ilmenti li waslu ma kienux ġustifikati għaliex il-bankijiet mhumiex quddiem residenża iżda quddiem ħajt ta' għalqa. Il-Kunsilliera qablu li jitwaħħlu żewġ bankijiet oħra faċċatta tar-residenza ta' Georgette Muscat fi Triq Bingemma u tnejn oħra fi Triq Anton Bonnici. Fejn saru talbiet għal bankijiet fi Triq Dun Gwann Camilleri mhux ser jitwaħlu peress li hemm xi residenti li oġġezzjonaw għalihom.

    Il-Kunsill irċieva talba wkoll biex fl-inħawi tal-Ħali isiru tabelli tas-Stop. Il-Kunsill ser jibgħat din it-talb lill ADT sabiex jaraw fejn għandhom jitwaħħlu t-tabelli.

17. **Triq il-Madonna ta' Fatima.** Charles Said qal li hu ġie avviċinat minn residenti ta' Triq il-Madonna ta' Fatima (fejn hemm it-triq maqlugħa) biex din il-parti tat-triq titranġa. Is-Sindku qalet li fil-passat il-Kunsill prova kemm il-darba biex jirranġa din il-parti tat-triq iżda din hija privata u s-sid kien waqqafhom. Is-Sindku għandha tkellem lis-sid biex tara tilħax ftehim peress li din it-triq tinsab fi stat ħażin ħafna.

18. **Wine Festival.** Għandha ssir laqgħa tas-sotto kumitat dwar l-organizzazzjoni tal-Wine Festival. Peress li hemm ħafna għaqdiet li talbu li jieħdu l-istand tad-drinks u tal-BBQ il-Kunsill ser isejjah laqgħa magħhom biex jiddiskuti dawn il-postijiet limitati. Fin-nuqqas ta' qbil il-Kunsill ikollu

jtella' l-istands bix-xorti. Ġie deċiż ukoll li f'każ li jittellgħu bix-xorti min ma telgħax din is-sena ikollu "r-right of refusal" għas-sena ta' wara.

19. **Harġiet.** Ser issir ħarġa għall-anzjani f' Settembru u ħarġa għaż-żgħażagħ fi Splash & Fun fl-aħħar ta' Awissu. Dawn l-attivitajiet qed jieħdhu ħsiebhom il-Kumitat taż-Żgħażagħ.

20. **Offerti.** L-offerti tal-ġonna pubbliċi ma ġewx deċiżi iżda qegħdin jinħadmu mill-kuntratturi preċedenti sakemm il-Kunsill jieħu deċiżjoni.

21. **Kont ta' l-Imgarr Hotel.** Is-Sindku u Segretarju telgħu l-qorti dwar il-kont pendenti ma' l-Imgarr Hotel. Wara din is-seduta, il-Kunsill ġie avvicinat mill-parti l-oħra sabiex nħallsu biss nofs is-somma mitluba u nagħlqu dan il-każ. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta iżda talbu li jkun hemm talba bil-miktub.

22. **Affarijiet Oħra.** Inġibed l-attenzjoni dwar il-każ tal-biċċiet ta' ajruplani. Dr. Rita Mifsud għandha tkellem lill-avukat tal-Malta Aviation. Maria Natoli fakkret il-Kunsill fuq il-talbiet għall-speed humps – tnejn fi Triq Duru u oħra fi Triq Bingemma. Għandha ssir laqgħa mas-Superjur tal-MUSEUM dwar it-turf artifiċjali.

23. **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8841 | Local Councils Dept. | 37.00 | advert |
| 8842 | Chiara Entertainment Svcs. | 165.00 | Lejla Maltija |
| 8843 | Jessie Attard | 77.00 | refund child day care |
| 8844 | Charlie Borg Water Supply | 421.51 | water supply |
| 8845 | Claire Xuereb | 77.00 | Refund child day care |
| 8846 | Department of Agriculture | 11.00 | trees |
| 8847 | Concetta Mifsud | 70.00 | June Elderly day care centre |
| 8848 | MaryRose Grima | 52.50 | June Elderly day care centre |
| 8849 | Gemma Zammit | 112.00 | June elderly day care centre |
| 8850 | ADT | 21.00 | parking clocks |
| 8851 | Peter Grima | 25.00 | membrane on cat cafe |
| 8852 | Gerald Attard | 97.88 | watchman & cleaning |
| 8853 | Emanuel Vella A&CE | 2117.88 | architectural works |
| 8854 | Annette Said | 77.00 | refund child day care centre |
| 8855 | Beverly Said | 77.00 | refund child day care centre |
| 8856 | Ethelle Attard | 50.00 | refund 2 art courses |
| 8857 | Ghaqda Armar Triq Dicembru | 1116.47 | hnejja |
| 8858 | Joseph Cauchi | 221.00 | gnien il kunsill |
| 8859 | MITA Gattard House | 477.58 | connectivity |
| 8860 | Gatt Tarmac Ltd. | 222.41 | patching material |
| 8861 | Peter Paul Said | 1108.81 | hire of machinery |
| 8862 | Ghaqda Filarmonika Mnarja | 190.00 | advert |
| 8863 | P&J Debono Cons. Ltd. | 1159.91 | cement works |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8864 | Mr. Signs | 130.00 | 2 signs |
| 8865 | Smart Office Supplies | 125.14 | stationery & toner |
| 8866 | Joe Mifsud | 66.39 | June Gnien San Blas |
| 8867 | JCR Ltd. | 100.50 | paving material |
| 8868 | MUSEUM Bniet Nadur | 349.00 | Van Expenses |
| 8869 | MUSEUM Subien Nadur | 349.00 | Van Expenses |
| 8870 | Mary Attard | 50.31 | July Library |
| 8871 | Miriam Portelli | 324.98 | July allowance |
| 8872 | Rita Mifsud Attard | 1411.01 | July Salary |
| 8873 | Sue Ellen Bugeja | 957.30 | July Salary |
| 8874 | CIR | 913.36 | July |

**Total 12,761.94**

Il-laqgħa ntemmet fid-22.00